MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2151/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Caroline Buhagiar (ID No:165679M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hmistax-il lira Maltija u disgha centezmi (Lm615.09) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99443207;**

**Illi l-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-**

**konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u hmistax-il lira Maltija u disgha centezmi (Lm615.09) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-28 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------